# RIŻORSI

# RANDAN
2022

#YAHADMT
WWW.YAHAD.MT

KUMMISSJONI ĠUSTIZZJA U PAĊI

# SIMBOLI

 ***Id-dinja mġarrfa tagħna***

 ***Riflessjoni meħuda minn 'Yahad' u l-qari tal-ġurnata***

 ***Qari tal-ġurnata***

 ***Ir-risposta tagħna, fil-prattika***

 ***Miċ-ċinema***

 ***Frażijiet li jispiraw***

# ONESTÀ

Kull sena, il-Maltin jagħtu somom kbar ta' flus għall-"karità". Kollha kemm aħna nsibuha faċli biex nivviżwalizzaw kju ta' nies jagħtu ċekkijiet kbar fuq it-televiżjoni fi żmien il-Milied. Madanakollu, l-prinċipju tas-solidarjetà li jgħaqqad soċjetà flimkien u li mingħajru kull slogan dwar li "kollha qegħdin fl-istess dgħajsa" ma jiswew xejn u huma vojta, ma jiġix megħjux primarjament billi nagħtu d-donazzjonijiet lil kawżi ġusti.
Huwa stmat li f'Malta, skont informazzjoni li ġiet ippreżentata fil-Parlament fl-2021, l-istat għandu jieħu 'l fuq minn nofs biljun ewro f'taxxi li ma tħallsux f'dawn l-aħħar għaxar snin.

Fi snin riċenti, minflok il-virtù, rajna l-espansjoni tar-regolamentazzjoni. Iżda fin-nuqqas ta' ċittadini onesti, l-ebda regola, regolamentazzjoni jew liġi qatt mhi se tkun biżżejjed biex tħares l-istat tad-dritt.

Il-fiduċja hija tassew skarsa fis-soċjetà tagħna. Ħafna mill-iskandli li dan l-aħħar kienu fl-aħbarijiet ewlenin – sew Malta kif ukoll barra, fil-qasam politiku/ekonomiku, kif ukoll fil-Knisja – jistgħu jiġu deskritti bħala ksur tal-fiduċja. U jekk, f'livell ogħla, tintilef il-fiduċja fl-istituzzjonijiet li suppost imexxuna, jiggwidawna, jipproteġuna, eċċ., ma nkunux wisq 'il bogħod mill-kollass totali tal-polis tagħna. U l-fiduċja hija fraġli – faċli tintilef, u diffiċli ħafna biex terġa' tinkiseb.

Il-Kummissjoni temmen bis-sħiħ li, apparti minn riforma etika msejsa fuq is-saltna tad-dritt ta' ħafna istituzzjonijiet soċjali u ekonomiċi tagħna, sabiex titreġġa' lura l-fiduċja, il-virtù tal-onestà hija kruċjali. Id-definizzjoni ta' persuna virtuża hija waħda li tagħmel it-tajjeb anke meta ħadd ma jkun qed iħares u li taġixxi minn sens tad-dinjità tagħha stess u ta' ħaddieħor. Bil-kontra ta l-ipokriti li jsemmi Ġesù fl-Evanġelju, il-persuna virtuża ma tagħmilx it-tajjeb biex tattira l-ammirazzjoni u ma tagħmilx sforz biex ma tiksirx il-liġi biss u meta hemm riskju kbir li tinqabad. Għandna bżonn ċittadini u politiċi onesti biex imorru kontra n-narrattiva ta' ħmieġ, opportuniżmu u diżonestà li qed jivvelenaw it-tessut soċjali tagħna.

Dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:
"Qisu li l-għemil tajjeb tagħkom ma tagħmluhx għal wiċċ in-nies biex tidhru quddiemhom, għax inkella ma jkollkomx ħlas mingħand Missierkom li hu fis-smewwiet.
Mela meta tagħmel karità, tmurx iddoqq it-trombi quddiemek, kif jagħmlu dawk ta' wiċċ b'ieħor fis-sinagogi u fit-triqat, biex in-nies tfaħħarhom. Tassew, ngħidilkom, li l-ħlas tagħhom ġa ħaduh."
(Mt 6:1-2)

# SINJAL TA' TAMA

Id-dilemma tal-kartiera mitlufa: Jekk issib kartiera mimlija flus, x'tagħmel? Tieħu l-flus jew tipprova ssib il-persuna li tilfitha biex ittihielha lura?

- Saqsi lilek innifsek: kemm jien onest fir-relazzjoni tiegħi ma' Alla, mal-oħrajn u miegħi nnifsi?
- Itlob lil Alla l-grazzja li jagħtik dik il-verità li kapaċi tilliberana.
- Jekk ħadt xi ħaġa li mhux tiegħek, roddha lura.
- Titkellimx fuq in-nies minn wara daharhom.
- Agħti l-appoġġ tiegħek lill-attivisti politiċi u soċjali onesti u meta tagħti l-"karità" iddoqq l-ebda trombi.



LIFE IS BEAUTIFUL (1997)
Meta wejter Lhudi u l-familja tiegħu jispiċċaw vittmi tal-Olokawst, juża taħlita ta' ħila, umoriżmu u immaġinazzjoni biex ma jitlifx il-fiduċja li t-tifel tiegħu għandu fih.

> Meta tgħid gidba, tkun qed tisraq mingħand xi ħadd id-dritt għall-verità. Meta tqarraq, tkun qed tisraq mingħand xi ħadd id-dritt għall-ġustizzja. Tifhmu dan? #KhaledHosseini

# TEMPERANZA

Fit-2 ta' Marzu 2020, Miriam Pace inħarġet minn taħt ir-radam ta' darha stess. Dak li suppost kien post ta' sikurezza u kumdità spiċċa sar qabar. Għad hemm bosta proċedimenti l-qorti biex jiddeterminaw il-ħtija tan-nies involuti. Iżda li huwa ċert huwa li Miriam kienet vittma tal-inġustizzja.

Fis-soċjetà tagħna, huwa aktar faċli tgħid "daqshekk biss?" minflok "grazzi". Imma fl-evanġelju tal-lum, Ġesù jgħid le għal aktar prestiġju, poter u affarijiet materjali, u b'hekk jistedinna niskopru mill-ġdid il-valuri tas-sempliċità, is-sagrifiċċju u s-sobrjetà.

Mifhuma korrettament, it-temperanza u s-sagrifiċċju ma għandhomx jiġu meqjusa jew assoċjati ma' forma ta' ċaħda li hija għan fiha nfisha. Fil-fatt, it-temperanza, id-distakkament, u s-sagrifiċċju huma valuri kontrokulturali li, meta mifhuma kif suppost, imexxuna fid-direzzjoni tal-ferħ, aktar libertà u kura ta' ħaddieħor fuq livell personali u komunitarju.

Meta nagħmlu distinzjoni bejn dak li rridu u dak li neħtieġu, nistgħu negħlbu dik ir-regħba bla tarf u "l-idolatrija tal-flus", li twassal għad-diżintegrazzjoni tat-tessut soċjali u li tħalli għadd bla tarf ta' vittmi. Bħala Nsara, irridu nkunu fuq quddiem biex nilqgħu l-istedina li nirrispettaw dawn il-limiti li huma imposti mill-imħabba tagħna lejn ħaddieħor u lejn id-dar komuni tagħna.

Meta niċħdu l-kilba li dejjem ikollna aktar u li nkunu aktar, aħna ggwidati mit-tama li persuna waħda li tgħix bit-temperanza tagħti eżempju tajjeb. Komunità li tgħix bit-temperanza tirrappreżenta forza politika li tista' tibdel is-soċjetà għall-aħjar.

Ġesù, mimli bl-Ispirtu s-Santu, raġa' lura mill-Ġordan u l-Ispirtu ħadu fid-deżert. Hemm għal erbgħin jum Ġesù kien imġarrab mix-Xitan. Matul dawk il-jiem ma kiel xejn; u mbagħad, meta għaddew dawk il-jiem, ħadu l-ġuħ. U x-Xitan qallu: "Jekk inti Bin Alla, għid lil din il-ġebla ssir ħobż." Wieġbu Ġesù: "Hemm miktub li 'l-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix.' "
(Lq 4:1-2)

# SINJAL TA' TAMA

Dar Frate Jacoba: kenn ta' sostenibbiltà, spiritwalità u solidarjetà.

- Saqsi lilek innifsek: bil-mod li qed tagħżel li tgħix, qed tirrispetta l-limiti li huma imposti mill-imħabba lejn ħaddieħor u mid-dar komuni tagħna? Tista' tgħix b'inqas?
- Itlob għall-grazzja li tirċievi bi gratitudni kbira u bi stagħġib, ir-rigal tal-ħolqien.
- Qatta' ftit ħin fil-kampanja jew maġenb il-baħar, waħdek u fis-silenzju, biex terġa' tiskopri s-sbuħija ta' dan ir-rigal.
- Agħmel ftit passi: jekk għandek qadja fil-viċin, ħalli l-karozza d-dar u llum agħżel li timxiha.
- Naqqas il-konsum: iddeċiedi li tieqaf tixtri affarijiet li mhux vera għandek bżonn, bejn illum u l-aħħar tar-Randan. U forsi wara wkoll.




A LIFE ON OUR PLANET (2020)
Bniedem wieħed ra aktar mid-dinja naturali minn kull bniedem ieħor. Dan id-dokumentarju uniku huwa x-xhieda ta' David Attenborough li fih jirrakkonta ħajtu u l-istorja evoluzzjonarja tad-dinja. Waqt li jibki t-telfa ta' postijiet naturali, joffri wkoll viżjoni għall-futur.

Dawk li kapaċi jiggustaw iżjed u jgħixu aħjar kull mument huma dawk li jieqfu jbillu minn hawn u minn hemm, dejjem ifittxu dak li m'għandhomx, u jduqu xi jfisser tapprezza kull persuna u kull ħaġa, jitgħallmu jiffamiljarizzaw ruħhom mar-realtajiet iktar sempliċi u jafu jgawduhom. B'dan il-mod iseħħilhom inaqqsu l-ħtiġijiet li ma jistgħux jissodisfaw, u ma' dan tonqos ukoll l-għeja u t-tensjoni żejda. Jista' jkollok bżonn ta' ftit affarijiet u tgħix ħafna, fuq kollox meta tkun kapaċi tagħti spazji lil pjaċiri oħra u ssib is-sodisfazzjon tiegħek fil-laqgħat tal-aħwa, fil-qadi, fit-twettiq għammiel tal-kariżmi, fil-mużika u fl-arti, fil-kuntatt man-natura, fit-talb. Il-kuntentizza titlob minna li nagħrfu nillimitaw ċerti bżonnijiet li jistorduna. #PapaFranġisku

# KURAĠĠ

Fis-16 ta' Ottubru, 2017, splodiet bomba taħt karozza fil-Bidnija li ħadet il-ħajja tal-ġurnalista investigattiva ewlenija ta' Malta: Daphne Caruana Galizia. Nistgħu ngħidu li dan, b'aktar minn mod wieħed, kien punt kruċjali fl-istorja politika Maltija moderna. Dan il-mument fired dak li ġie qablu minn dak li ġie warajh.

Meta qed taffaċċja oppożizzjoni pubblika u stmerrija, qatt m'hu faċli li tiġġieled għal dak li huwa ġust u sewwa. Trid il-kuraġġ biex tieħu pożizzjoni skont il-prinċipji tiegħek, waqt li tfittex djalogu fl-isfera pubblika. Huwa l-kuraġġ tal-pijunieri li jagħżlu l-mogħdija l-inqas imterrqa, ta' dawk li jridu jibnu l-pontijiet li jirriskjaw li jinftiehmu ħażin min-naħat kollha u jiġu tikkettati bħala barranin minn kulħadd, ta' dawk retti u ta' prinċipju li jispiċċaw politikament orfni, tal-iblah li jagħżel il-benessri ta' l-aktar minsija minflok il-kumdità tal-folol.

Trid il-kuraġġ biex tabbanduna l-kumdità ta' "niesek" jew in-newtralità komda ta' min ma jmiddx idejh u jikkritika biss.

Bħala komunità tal-fidi dejjem irridu nistaqsu lilna nfusna jekk xi drabi aħniex ħatja li nkunu qegħdin b'idejna fuq żaqqna bħala dawk li għandhom privileġġ soċjali u b'hekk nonqsu milli naħdmu b'kuraġġ biex nittrasformaw l-istrutturi midinba tas-soċjetà. Il-qawwa trasformattiva tal-Vanġelu ma tista' qatt tiġi domestikata, u huwa f'idejna li niżguraw li jkun hemm fina nuqqas qaddis ta' sabar aħna u nieħdu sehem fit-tiġdid b'tama tas-soċjetà b'kuraġġ u kreattività. U jekk il-biża' taħkmek, dur lejn il-Mulej li hu d-"dawl", is-"salvazzjoni" u "l-kenn" tagħna.

Il-Mulej id-dawl u s-salvazzjoni tiegħi;
minn min għandi nibża'?
Il-Mulej hu l-kenn tiegħi;
quddiem min għandi nitwerwer?

(Salm 27:1)

# SINJAL TA' TAMA

Ħmistax-il raġel jew iktar attakkaw raġel ieħor, waqt li dawk ta' madwarhom bdew iċapċpulhom. Tawh xebgħa kbira u wara tefgħuh il-baħar. Minkejja dan l-ambjent ostili, grupp żgħir ta' nies ma setgħux ma jagħmlu xejn quddiem dan l-insult lejn id-dinjità ta' persuna oħra u ddeċidew li jintervjenu.

- Saqsi lilek innifsek: X'tip ta' lingwaġġ nuża meta nitkellem fuq nies li ma naqbilx magħhom? Huwa lingwaġġ nieqes minn kull tip ta' ġenerożità u ħlewwa?
- Itlob lil Alla l-grazzja li dejjem toqgħod lura milli tuża lingwaġġ li jeqred lill-"ieħor" u għall-kuraġġ biex titkellem kontra "ċajt" razzist, misoġiniku u omofobiku.
- Irrapporta kwalunkwe diskors ta' mibegħda onlajn lill-awtoritajiet kompetenti.
- Isma' kwalunkwe aħbar minn diversi sorsi biex tevita li tisma' biss ilħna li taqbel magħhom.
- Iddefendi d-drittijiet tal-bniedem, kull meta dawn jiġu imminati.




JUST MERCY (2019)

L-avukat-difensur tad-drittijiet ċivili li huwa magħruf mad-dinja kollha, Bryan Stevenson, jaħdem biex jeħles mill-mewt priġunier li kien akkużat inġustament. Għal dawk kollha li huma interessati fil-ġustizzja, u li jixtiequ jkunu ispirati u rrabjati fl-istess ħin, dan il-film jgħodd għalikom.

Mhuwiex il-kritiku li jgħodd; u lanqas huwa dak li jurina kif ir-raġel b'saħħtu jitfixkel, jew kif min jagħmel l-għemil seta' għamlu aħjar. Il-krettu huwa ta' dak li qiegħed fl-arena, li għandu wiċċu mtebba' bit-trab u l-għaraq u d-demm; li jistinka bi qlubija; li jiżbalja, li jonqos darba wara l-oħra, għax m'hemmx sforz mingħajr żball u nuqqasijiet; iżda li tabilħaqq jistinka biex iwettaq l-għemil; li jaf il-ħeġeġ il-kbar, id-devozzjonijiet il-kbar; li jinfena għal kawża ġusta; li fl-aħjar tiegħu jaf fl-aħħar ir-rebħa tal-ogħla kisbiet, u li fl-agħar tiegħu, li jekk ifalli, tal-anqas qed ifalli meta jkun qed jissogra bil-kbir, u b'hekk postu qatt ma jkun ma' dawk l-erwieħ bierda u timidi li la ġarrbu r-rebħa u lanqas it-telfa. #TheodoreRoosevelt

# PAĊENZJA ĦANINA

Il-ġisem bla ħajja ta' Polina Dembska, studenta Pollakka ta' 29 sena, instab fi Ġnien l-Indipendenza f'Tas-Sliema, kmieni filgħodu tat-2 ta' Jannar, 2022. Kienet ta' spiss tmur hemm biex titma' l-qtates u tgħaddi ftit tal-ħin fil-ġnien.
L-awtopsja kkonfermat li din it-tfajla ġiet stuprata u mgħallqa. Kellha ġrieħi f'rasha u marki f'għonqha li jindikaw li kienet soffokata.

It-tentattivi tagħna li nibnu soċjetà rikonċiljata msejsa fuq il-verità u l-ġustizzja mhux dejjem jidhru li jħallu l-frott. Bħal Pietru fuq l-għadira ta' Ġennesaret, naħdmu lejl sħiħ mingħajr ma naqbdu xejn. Bħalu, minbarra li nafdaw f'Alla, aħna msejħin inkunu paċenzjużi, magħna nfusna u ma' ħaddieħor.

F'dan il-vjaġġ twil, immarkat mill-inċertezza u l-frustrazzjoni, irridu wkoll nitgħallmu l-importanza li nkunu ħanina, ma' ħaddieħor, kif ukoll magħna nfusna. Dawk li nagħżlu biex jakkumpanjawna matul dan il-vjaġġ, f'xi punt jew ieħor sejrin ma jaqblux magħna. It-tentazzjoni li niddawru b'nies li jaħsbuha bħalna qatt ma tkun 'il bogħod. U huwa aktar diffiċli l-fatt li jekk tassew irridu li dan il-vjaġġ ikun wieħed ta' rikonċiljazzjoni, irridu naqsmu mill-inqas xi partijiet mill-vjaġġ ma' nies li jeħtieġu l-maħfra tagħna.

Aħna li rċevejna l-ħniena ta' dan Alla li huwa "ħanin u twajjeb", "idum ma jagħdab u kollu mogħdrija", naqsmu bil-ferħ ma' ħaddieħor l-Aħbar it-Tajba tal-ħniena eterna ta' Alla għad-dinja.
F'kuntest politiku li fih ix-xewqa li nkissru l-avversarju tagħna hija dejjem preżenti, li fih il-partiti politiċi jippruvaw jisbqu lill-avversarji billi ta' kuljum juru s-saħħa tagħhom, ma tantx jidher li fadal spazju għall-ħniena, li tidher dgħajfa. Iżda madankollu, jekk l-għan tagħna huwa li nibnu soċjetà li fih ħadd ma jitkisser jew jiġi eliminat, l-ewwel irridu niltaqgħu flimkien fl-umanità tagħna. Minflok inħarsu 'l fuq u nieħdu sehem f'eżaltazzjoni tas-saħħa u l-poter, inħarsu 'l isfel aħna u nistinkaw biex noħolqu kultura ta' inkontru li tista' titwieled biss mill-istat imġarraf komuni tagħna.

Ħanin u twajjeb il-Mulej,
idum ma jagħdab u kollu mogħdrija.

(Salm 103:8)

# SINJAL TA' TAMA

30 sena ilu kienet vittma ta' attakk sesswali orribbli. Minkejja l-impatt negattiv li ħalla fuq ħajjitha, hija rnexxielha ssib il-paċi. U l-maħfra hija parti mill-istorja tagħha.

- Saqsi lilek innifsek: Hemm xi mument li għaddejt minnu jew li qed tesperjenza bħalissa li fih qed issibha diffiċli tħalli l-paċenzja u l-ħniena jirbħu? Offriha lil Alla u itolbu biex jgħinek tegħleb kull reżistenza.
- Agħraf il-ħniena u l-paċenzja ta' Alla lejk u roddlu ħajr.
- Kun ħanin u paċenzjuż miegħek innifsek u agħmel kuntatt ma' nies li ssibha diffiċli tkun paċenzjuż magħhom.
- Identifika strateġiji li jgħinuk iżżomm kalm meta tinduna li tkun qed tirrabja.
- Ma għandniex l-opportunità nagħżlu meta u fejn aħna msejħin biex nuru ħniena. Illum, jekk issib ruħek maqbud fit-traffiku, jew jekk xi ħadd ma jagħtikx dak li ħaqqek, uri ħniena.




INVICTUS (2009)
Invictus jirrakkonta l-istorja vera ta' kif Nelson Mandela ingħaqad mal-kaptan tat-tim tar-rugby tal-Afrika t'Isfel, biex jgħin lill-pajjiż tagħhom, li tant kien maqsum, jingħaqad.

> Is-suċċess u l-falliment, fl-aħħar mill-aħħar, ftit għandhom x'jaqsmu ma' li tgħix il-Vanġelu. Ġesù sempliċiment qagħad mal-emarġinati sa ma ntlaqgħu jew sa ma ssallab – skont liem tiġi l-ewwel. #GregBoyle

# RIKONĊILJAZZJONI

Fis-6 ta' April 2019, Lassana Cisse Souleymane, ħaddiem migrant ta' 42 sena mill-Kosta tal-Avorju, inqatel bi sparatura minn karozza f'Ħal Far, f'dak li huwa meqjus bħala l-ewwel qtil razzist f'Malta. Żewġ migranti Afrikani oħra wkoll indarbu fl-attakk. Minn dak li nafu sa issa, jidher li Lassana ma nqatel għall-ebda raġuni ħlief għal fatt li kien "jidher differenti".

Affaċċjati minn bosta forzi ċentrifugali li qed ibegħduna dejjem aktar minn xulxin, aħna, li fi Kristu sirna "ħolqien ġdid" u ġejna irrikonċiljati ma' Alla permezz ta' Kristu, nazzardaw nimpenjaw ruħna fil-ministeru tar-rikonċiljazzjoni u nipproponu triq li tgħaqqadna flimkien. Minbarra li ndewwu l-ġrieħi tal-vittmi, msejħin li nisimgħu l-ilħna tagħhom u nitgħallmu dwar kif spiċċaw hemm, u nfittxu modi konkreti u kreattivi biex nitfgħu l-bsaten fir-roti tal-inġustizzja li hemm fl-għeruq.

Huwa biss billi nisimgħu b'attenzjoni dawn l-ilħna li l-qlub u l-imħuħ tagħna jistgħu jintmessu. Is-smigħ veru jippermettilna li tassew inkunu qed infittxu dik il-verità li mingħajrha l-ġustizzja u r-rikonċiljazzjoni se jibqgħu illużjoni għal dejjem. Is-smigħ veru se jippermettilna niltaqgħu mal-oħrajn bħala ħutna. Jekk nazzardaw nagħmlu dan, ħajjitna tikkumplika ruħha b'mod tal-għaġeb aħna u nesperjenzaw intensament x'jiġifieri li tkun aġent tar-rikonċiljazzjoni u t-tama f'dan pajjiżna li tant inħobbu.

Meta wieħed jingħaqad ma' Kristu, isir ħolqien ġdid; il-qadim għadda u daħal il-ġdid. Kollox ġej minn Alla li ħabbibna miegħu nnifsu permezz ta' Kristu u tana l-ministeru ta' din il-ħbiberija tal-bnedmin ma' Alla.

(2 Kor 5:17-18)

# SINJAL TA' TAMA

Fit-13 ta' Settembru, 2021, il-President George Vella żar is-sit fejn Daphne Caruana Galizia nqatlet b'karozza bomba. Din kienet l-ewwel żjara mill-kap tal-istat minn meta nqatlet fl-2017, u saret fid-dawl ta' rakkomandazzjoni li ħarġet fir-Rapport tal-Inkjesta, li ħeġġeġ l-Istat biex jirrikonċilja mal-familja bħala parti mill-fejqan nazzjonali wara t-trawma li sofra l-pajjiż kollu.

- Saqsi lilek innifsek: Hemm xi waħda mir-relazzjonijiet tiegħek li jeħtieġ li tissewwa?
- Sewwi r-relazzjoni tiegħek ma' Alla billi tirċievi s-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.
- Jekk qed f'sitwazzjoni ta' kunflitt, skuża ruħek mal-persuna l-oħra jew aħfer lil xi ħadd. It-tnejn huma diffiċli ħafna.
- Ħu l-ħin biex tirrifletti dwar jekk il-ġudizzju tiegħek fuq l-oħrajn huwiex ibbażat fuq l-għajdut jew xi evidenza fjakka. Sfida lilek innifsek biex twarrab dawk il-ħsibijiet u ħalli lilek innifsek tiltaqa' man-nies mingħajr ilbies ta' maskli.
- Offri li tisma' lil xi ħadd li qed jitħabat għax jinsab f'relazzjoni diffiċli. Agħtihom spazju biex jitkellmu qabel tipprova toffri tweġibiet.




## THE BEST OF ENEMIES (2019)

Matul is-sajf tal-1971, l-atmosfera soċjali hija waħda ta' tensjoni kbira, iżda Atwater u Ellis jingħaqdu flimkien biex jippresiedu summit komunitarju dwar id-desegregazzjoni tal-iskejjel f'Durham, fil-Karolina ta' Fuq. Id-dibattitu u l-battalja li rriżultaw wasslu għal rivelazzjonijiet sorprendenti li bidlet ħajjithom għal dejjem.

> Ma jfissirx li meta naħfru u nirrikonċiljaw ruħna mal-għedewwa jew mal-maħbubin tagħna nkunu qed nippretendu li l-affarijiet huma differenti milli fil-verità huma. Ma jfissirx li għandna ntaptpu fuq l-ispallejn u nagħlqu għajnejna għall-ħażin. Ir-rikonċiljazzjoni vera tikxef il-ħruxija, l-abbuż, il-weġgħa, il-verità. Jista' jkun li xi kultant l-affarijiet imorru għall-agħar. Hija biċċa xogħol riskjuża imma fl-aħħar mill-aħħar tagħti l-frott, għax fl-aħħar mill-aħħar huwa biss konfront onest mar-realtà li jista' jġib fejqan reali. Ir-rikonċiljazzjoni superfiċjali tista' ġġib biss fejqan superfiċjali. #DesmondTutu

# KREATTIVITÀ

F'Mejju tal-2021, ġie rrappurtat li 1,500 persuna bla dar, li 400 minnhom huma tfal, applikaw għal refuġju fix-xelters tal-YMCA tul is-sentejn ta' qabel. Minħabba li l-persuni bla dar ħafna drabi jkunu moħbija jew inviżibbli, naħsbu li f'pajjiżna din il-problema soċjali ma teżistix. Sfortunatament, din l-istatistika xokkanti turi li, ta' kuljum, ħafna individwi u familji qed jiffaċċjaw din ir-realtà, ħafna drabi fis-skiet.

Kif naqraw fil-Ktieb tal-Proverbji: "Jekk ma jkunx hemm min iwissi, il-poplu jsir bla rażan" (Prov 29, 18). Dan in-nuqqas ta' viżjoni huwa wkoll nuqqas ta' immaġinazzjoni, nuqqas li nimmaġinaw futur differenti mill-preżent li ngħixu fih, nuqqas li noħolmu li soċjetà u dinja oħra huma possibbli. Fl-aħħar mill-aħħar, dan in-nuqqas ta' viżjoni li hawn mixrud madwarna jirrifletti nuqqas ta' tama. F'dan il-kuntest, is-soċjetà tagħna għandha l-bżonn urġenti li tisma' u tinġabar madwar viżjoni profetika u kredibbli għalina u għal uliedna. Il-viżjoni proposta mill-Knisja u speċifikament mill-Papa Franġisku f'Laudato Si u Fratelli Tutti titkellem dwar soċjetà mibnija fuq il-ġustizzja, il-verità u s-solidarjetà. Bosta huma dawk li joġġezzjonaw għal din il-viżjoni, mhux bi prinċipju, iżda billi jargumentaw li din hija biċċa xogħol impossibbli u mingħajr tama.

Huwa dmirna, bħala Nsara u ċittadini ta' rieda tajba, li nagħtu indikazzjonijiet ta' tama. Jista' jkun li qegħdin fil-preżenza ta' xi ħaġa ġdida li qed titwieled li, sfortunatament, ma nistgħux narawha fl-alternattivi tal-preżent. Il-profeta Iżaija fl-ewwel qari tal-lum, jitkellem fuq Alla li jagħmel xi ħaġa totalment ġdida u jagħmel triq f'dak li għall-ewwel jidher li huwa deżert u xagħri. Bl-istess mod, il-Knisja nfisha għandha tkun indikazzjoni ewlenija ta' tama, alternattiva ħajja , li tinflitra u tisfida l-isfera soċjali b'viżjoni aktar radikali għall-ħolma t'Alla għall-umanità: Fil-prijorità li nagħtu lil dawk li m'għandhomx valur ekonomiku, bil-mod li bih nistinkaw għall-ġustizzja saħansitra meta kollox jidher mitluf, bil-mod li bih inkomplu niddjalogaw b'fidi tajba meta madwarna jkunu qed jinbnew is-swar tal-preġudizzju.

Arawni, sejjer nagħmel ħaġa ġdida:
feġġet issa; għadkom ma ttendejtux?
Se niftaħ triq fix-xagħri,
xmajjar fid-deżert.

(Is 43, 19)

## SINJAL TA' TAMA

Fl-ewwel erba’ xhur minn mindu fetħet, is-Soup Kitchen fil-Belt Valletta serviet aktar minn 30,000 ikla lil 8,600 persuna. Il-kċina, li hija mmexxija mill-Patrijiet Franġiskani, bdiet taqdi lill-mistednin lejn l-aħħar ta’ Awwissu 2021. Toffri ikliet f’nofsinhar, ikliet ippakkjati għal filgħaxija, showers u faċilitajiet għall-ħasil tal-ħwejjeġ, kif ukoll appoġġ legali, barbier u għajnuna ta’ psikjatra.

- Saqsi lilek innifsek: Hemm xi sitwazzjonijiet soċjali jew oqsma f’ħajtek li fihom tħossok bla tama jew xi mkejjen oħra fejn tħossok “imwaħħal”?
- Itlob il-grazzja li temmen li bl-għajnuna ta’ Alla u tal-oħrajn, dejjem ikun possibbli li tinqala’ minn dik is-sitwazzjoni.
- Aħseb f'modi kreattivi u sempliċi biex tagħmel passi ’l quddiem. Iktibhom.
- Taħsibx kbir: Jekk pereżempju taħseb li llum il-ġurnata l-lingwaġġ li nużaw ma’ xulxin huwa aħrax wisq, ibgħat minnufih, b’mod spontanju, messaġġ ta' inkoraġġiment lil xi ħadd li taf.
- Flimkien ma’ ħbieb u kollegi, aħseb f'modi kreattivi li bihom ilkoll nistgħu nagħmlu lil pajjiżna post aħjar fejn ngħixu.




AS IT IS IN HEAVEN (2004)

Konduttur internazzjonali famuż jirritorna fil-belt żgħira tiegħu fejn trabba biex jirtira kmieni. Hu jintalab biex jgħin lill-kor tal-knisja. Il-ħajja tal-membri tal-kor tinbidel darba għal dejjem.

> Il-kuraġġ kreattiv… jidher l-ewwel u qabel kollox meta niltaqgħu ma’ diffikultajiet. Fil-fatt, quddiem diffikultà nistgħu neħlu u nabbandunaw kollox, jew b’xi mod immiddu għonqna għax-xogħol. Xi kultant huma sewwasew id-diffikultajiet li joħorġu minn kull wieħed u waħda minna riżorsi li mank konna naħsbu li għandna. #PapaFraġisku